KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 343**

**Il-Ġimgħa 28 ta' Lulju, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Dr Alessia Psaila Zammit – Sindku
Il-Perit Julian Borg – Viċi Sindku
It-Tabib Dr Mark Anthony Vassallo – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresjediet il-laqgħa.

**343.1 Xogħlijiet fi Triq ta' Kilpa**

343.1.1 Is-Sindku qalet li rċeviet komunikazzjoni minn Transport Malta li biex isiru xogħlijiet fi Triq Kilpa fejn tingħata wiċċ ġdid kif ukoll issir roundabout bejn Triq Kilpa u Bur il-Kbir kif kien diskuss mill-kunsill fis-snin li għaddew.

Il-kunsill iddiskuta l-proġett u qabel li jikteb lil Transport Malta sabiex qabel jingħata wiċċ ġdid ikun hemm il-konsultazzjonijiet kollha mal-WSC biex tkun irranġata s-sistema tad-dranaġġ li l-Kunsill fis-snin li għaddew kien infurmat li hemm il-ħtieġa li tinbidel, kif ukoll biex ikun zgurat li ż-żewġ siġriet li fil-pjanti mressqa minn TM jidhru li ħa jkollom jiċċaqalqu minn fejn qegħdin, qabel isir dan ikun hemm l-approvazzjonijiet kollha mill-Awtoritajiet konċernati.

**343.2 Proġett ta' *Housing Estate* ġdid**

343.2.1 Is-Sindku tkellmek kif ftit tal-jiem ilu, iltaqgħet mal-Periti responsabbli mill-proġett fejn ingħatat spjegazzjoni dwar ix-xogħlijiet li mistennija jibdew b'rabta mal-Housing Estate propost għal Triq Nikola Zammit. Is-Sindku tenniet li fid-dawl tal-fatt li fis-snin l-imgħoddija l-Kunsill kien oġġezzjona għal tali proġett massiv li għandu jara 80 dar għal *housing* soċjali, il-Kunsill għandu b'kull mezz possibbli isostni l-appell biex il-proġett ikun rivedut u jsir proġett ta' fejda soċjali u li minnu jgawdu wkoll ir-residenti. Is-Sindku sostniet ukoll li hi mhix kontra s-social housing imma kontra l-iżvillupp eċċessiv kif propost.

Il-Viċi Sindku Julian Borg qal li l-proġett seta kellu pjanar aħjar, fejn fost oħrajn jidher li hemm flats zgħar li joħolqu numru ta sfidi għal min ser joqgħod fihom kif ukoll qal li dan il-proġett hu wieħed massiv li joħloq diffikultajiet ta skart u mmaniġjar ta' parkeġġ.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace u l-Kunsillier Mark Anthony Vassallo lkoll tkellmu fuq l-isfidi li dan il-proġett ser iġib miegħu u li l-kunsill għandu jitlob għal revizjoni tal-proġett.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li din iż-żona kienet ilha għal numru ta' snin tistenna li fiha jsir proġett ta' natura soċjali inklus *housing*.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li issa ż-żmien li nħarsu 'l quddiem. Hu fakkar kif kull Gvern dejjem affaċċja sitwazzjonijiet diffiċċli u bħala pajjiż hawn problema ta' *housing*. Hu żied jgħid li fi spirtu tal-valur tal-ġustizzja soċjali il-Kunsill m'għandux iwassal il-messaġġ li ma jridx il-proġett.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar fakkar li fl-ewwel xhur tas-sena il-Kunsill kien qabel li kellha ssir laqgħa mal-Ministru responsabbli dak iż-żmien Dr Michael Farrugia biex ikun diskuss fid-dettal il-proġett. Hu qal li l-laqgħa mnħabba ż-żmien tal-elezzjoni ma seħħietx. Hu żied jgħid li hu favur li wieħed jiltaqqa biex jiddiskuti d-diffikultaijiet imma bl-edma mod ma

għandna nkunu kontra l-proġett ta' *social housing*.

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit qalet li l-iskop tal-Kunsill għandu jkun dak li jħares lejn l-effetti tal-proġett fuq il-lokalita'. Hi qalet li kienu bosta r-residenti li tkellmu magħha biex issir talba sabiex il-Gvern jirrikonsidra l-proġett. F'dan il-ħin wara li semgħat kulħadd x'kellu xi jgħid tressqet mozzjoni li taqra hekk:

Billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ilu numru ta' snin joġġezzjona għal-żvilupp esaġerat f'art li tikkonfina ma' Triq it-Tabib Nikol Zammit, Triq l-Imdina u Triq Dun Manwel Zammit liema żvilupp se jinkludi aktar minn 80 residenza, sheltered house units u diversi faċilitajiet oħra.

Billi l-iżvilupp huwa ta' densità kbira wisq għaż-żona fejn se jsir u se joħloq sfidi ambjentali, infrastrutturali, aktar traffiku u problemi ta' parkeġġ u sfidi marbuta ma' nfada, fost oħrajn.

Billi l-iżvilupp huwa esaġert u se jkollu mpatti negattivi fuq ir-residenti taż-żona u fuq iċ-ċentru tas-Siġġiewi.

Billi l-iżvilupp kif propost għandu densità wisq kbira u allura joħloq ukoll sfidi u effetti negattivi għall-kwalità tal-ħajja ta' residenti li jiġu joqgħodu fih.

Billi l-Kunsill Lokali appella diversi drabi lill-awtoritajiet biex jerġgħu jikkunsidraw l-iżvilupp u jaċċertaw li jsir bi pjannar li jixraq iż-żona, b'faċilitajiet għall-ġid tal-kommunità u bi spazji miftuħa li jitgawdew mill-kommunità tas-Siġġiewi.

Il-Kunsill Lokali mlaqqa' llum il-Ġimgħa 28 t'Awwissu 2017:

1. Jirrizolvi li jibqa' jappella lill-awtoritajiet biex jerġgħu jirrevedu dan l-iżvilupp u jaċċertaw li l-proġett ikun wieħed li jixraq l-ippjannar taż-żona, b'faċilitajiet għall-użu tal-komunità filwaqt li jitħalla aktar spazju miftuħ li jista' jitgawda mill-komunità tas-Siġġiewi kollha.
2. Il-Kunsill Lokali jibda petizzjoni kontra żvilupp esaġert fiż-żona indikata f'din l-mozzjoni bil-messaġġ t'hawn taħt:

***Petizzjonikontrażviluppeżaġeratfis-Siġġiewi***
***li jinkludi aktar minn 80 appartament residenzjali u faċilitajiet oħra***

*Aħna hawn taħt iffirmati, niddikjaraw li aħna kontra li fl-art pubblika li tmiss ma' Triq it-Tabib Nikol Zammit, Triq l-Imdina u Triq Dun Manwel Zammit fis-Siġġiewi jinbnew aktar minn 80 appartament residenzjali u faċilitajiet oħra mill-awtoritajiet pubbliċi. Dan minħabba li l-iżvilupp huwa wieħed eżaġerat u ser ikollu impatt negattiv fuq din iz-zona residenzjali kif ukoll fuq il-kwalità tal-ħajja tagħna u tal-familji tagħna, fosthom billi ser jiżdiedu l-problemi ta' konġestjoni tat-traffiku u ta' parkeġġ.*

*Għalhekk permezz ta' din il-petizzjoni qegħdin nappellaw u nitolbu lill-awtortajiet sabiex jirrevedu dan l-iżvilupp u jaċċertaw li l-proġett ikun wieħed li jixraq l-ippjannar taż-żona, b'faċilitajiet għall-użu tal-komunità filwaqt li*

*jitħalla aktar spazju miftuħ li jista' jitgawda mill-komunità tas-Siġġiewi kollha.*

3. Il-Kunsill Lokali juża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex iwassal l-messaġġ tiegħu lill-awtoritajiet għall-ġid tar-residenti Siġġiwin u tal-lokalità.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li ma jħosx il-bżonn ta' mozzjoni u li ma jaqbilx mat-text tal-mozzjoni anki għal fatt li dan mhux proġett li tista' tgħid li hu fiċ-ċentru tas-Siġġiewi.

Tressaq il-vot fuq il-mozzjoni imressqa mis-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit u s-sekondata mill-Viċi Sindku Julian Borg.

Voti Favur: 4 (Dr Alessia Psaila Zammit, Julian Borg, Gillian Farrugia Pace u Dr Mark Anthony Vassallo)
Voti Kontra: 3 (Clayton Cutajar, Nicholas Cassar u Dominic Grech)
Astenzjonijiet: 0

Il-mozzjoni għaddiet u l-laqgħa ntemmet fit-8.45pm.

Konfermati, illum 7 ta' Awwissu 2017.

Dr Alessia Psaila Zammit
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv